# ID-DAWL

MEJJU 2019 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 17

## “Huwa qiegħed l-imħabba u l-għożża fostkom.”



Il-Maħfra | Il-Familja Ideali | L-Għan taż-Żwieġ | Is-Sawm

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# IL-MAĦFRA

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Alla l-Ħanin jgħid fil-Koran Imqaddes:

> **"Fittxu l-maħfra mingħand Alla; tabilħaqq, Alla hu dak li jaħfer l-aktar, Ħanin."** (2:200)

Din is-sena, f'Mejju, ikollna x-xahar imbierek tar-Ramadan, xahar ta' maħfra u ta' tkabbir spiritwali. Ix-xahar tas-sawm mhuwiex biss dwar iċ-ċħid mill-ikel u x-xorb, iżda jitlob minna li nagħmlu riżoluzzjonijiet ġodda biex insiru qaddejja aħjar ta' Alla u l-ħolqien Tiegħu. Tassew hija dehra affaxxinanti li tara l-familji kollha Musulmani jħabirku biex itejbu l-istat morali u spiritwali tagħhom, danakollu biex jogħġbu 'l Alla.

F'rakkont tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] jingħad li, l-ewwel għaxart ijiem tar-Ramadan iġibu l-mogħdrija t'Alla, it-tieni għaxart ijiem iġibu l-maħfra Tiegħu u l-aħħar għaxart ijiem isalvaw lil dak li jkun min-nar tal-Infern. Huwa kompla jżid:

> **"Kull min isum waqt ir-Ramadan fi stat ta' fidi u jagħmel eżami tal-kuxjenza jkollu d-dnubiet tiegħu maħfura."**

Mulejja! Uri ħniena minna, itfa' fuqna l-barkiet tiegħek u aħfrilna dnubietna. Ammen.

---

**ID-DAWL**
Mejju 2019 – Numru 17 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Tel:** 27 342 401| **Mob:** 79 320 139
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

Aqra **"ID-DAWL"** onlajn fuq: **www.ahmadiyya.mt/id-dawl**
**Il-Qoxra:** Artisticco | Shutterstock, Ritratt pġ 4: Oneinchpunch | Shutterstock, Ritratt pġ 6: Tdemirboga | Shutterstock

# TALBIET MILL-KORAN

**Talb għall-ħniena u l-maħfra:**

"Mulejja, aħfer u uri ħniena, għax inti l-Aqwa fost dawk li juru ħniena." (23:119)

"Mulejja, aħna żbaljajna; u jekk Inti ma taħfrilniex u ma turix ħniena magħna, aħna żgur li nkunu mitlufin." (7:24)

**Talb għal bidu tajjeb u tmiem tajjeb:**

"Mulejja, agħmel li d-dħul tiegħi jkun tajjeb u mbagħad għinni nimxi 'l quddiem sewwa. U ibgħat mingħandek stess setgħa li tgħinni." (17:81)

**Talb għaż-żieda fl-għerf:**

"Mulejja żid l-għerf tiegħi." (20:115)

**Talb għall-ġenituri:**

"Mulejja, uri ħniena magħhom anki jekk temgħuni fi tfuliti." (17:25)

**Talb biex ikollna mara u t-tfal bil-għaqal:**

"Mulejja, agħmel li n-nisa u t-tfal tagħna jkunu l-mimmi t'għajnejna, u agħmel li nkunu eżempju għan-nies twajba." (25:75)

## L-AĊĊETTAZZJONI TAT-TALB

Alla l-Omnipotenti jgħid fil-Koran Imqaddes:

**"U meta l-qaddejja tiegħi jsaqsuk fuqi, għidilhom: 'Jiena ninsab viċin. Jiena nwieġeb għat-talba tas-supplikant meta dan jitlob Lili. Għalhekk għandhom jisimgħu Minni u jemmnu Fija, ħalli b'hekk ikunu qed isegwu t-triq it-tajba.'"** (2:187)

# IL-FAMILJA IDEALI

## Jum Dinji tal-Familja

L-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda ddikjarat li l-15 ta' Mejju ta' kull sena għandu jkun iċċelebrat bħala l-Jum Internazzjonali tal-Familji biex tkun enfasizzata l-importanza tal-familji bħala n-nuklei bażiċi tas-soċjetà.

Fiż-żminijiet li ngħixu fihom, li nitħaddtu dwar il-qagħda tal-familja huwa materja ta' ħtieġa kbira. L-Iżlam jippromwovi l-kastità, il-fedeltà, it-trażżin u l-għaqal. Barra minn hekk, id-devozzjoni wkoll hija mmarkata bħala karatteristika importanti fis-sistema tal-familja. Dawn l-aspetti tat-tagħlim soċjali Iżlamiku huma essenzjali immens għall-protezzjoni u s-sopravivenza tal-istruttura tal-familja.



L-aktar punt importanti mat-tħabbira ta' żwieġ Iżlamiku, li hija magħmula minn għadd ta' talb Kuraniku, huwa l-adozzjoni ta' *taqwa* – it-tjubija. Għalhekk, meta wieħed jagħti l-kunsens tiegħu għaż-żwieġ, wieħed irid joqgħod ħafna attent li jsegwi l-kmandamenti Divini li jkunu magħduda dak il-ħin. Skont l-Iżlam, it-tjubija hija l-aktar kwalità għolja u ċ-ċavetta għal familja b'saħħitha u ideali.

Għaldaqstant, kemm ir-raġel kif ukoll il-mara għandhom jisħqu fuq it-*taqwa* (it-tjubija), għandhom jitolbu biex ir-relazzjoni ta' bejniethom tissaħħaħ, u biex ikollhom rispett għall-ġenituri u l-qraba ta'xulxin. Jekk tinqala' kwistjoni, ir-raġel u l-mara għandhom isolvuha billi jiddiskutu ma' xulxin bi mħabba u għożża u mhux iħalluha tiddeġenera għax inkella din ma toħloq xejn ħlief mibegħda.

# L-GĦAN TAŻ-ŻWIEĠ

L-għan ewlieni taż-żwieġ huwa l-prokreazzjoni u l-protezzjoni tar-razza umana, biex ikun hemm ħarsien mill-ħażen u l-immoralitajiet, u li jkun hemm sisien sodi għat-twaqqif ta' soċjetà paċifika. Għal din ir-raġuni l-Koran Imqaddes jindirizza 'l-miżżewġin bħala *Muħsan* u *Muħsanah*, dawk li huma mħarsa u protetti donnhom f'kastell li għandu sigurtà massima.

**Dan ifisser li, meta xi ħadd ikun miżżewweġ, ikun protett mill-ġibdiet sataniċi. Għalhekk, għall-pjetà u d-devozzjoni reliġjuża, wieħed għandu jiżżewweġ. Iż-żwieġ iservi ta' protezzjoni kbira mill-passjonijiet ħżiena u sataniċi. Iż-żwieġ jassigura li l-bżonnijiet fiżiċi jkunu moqdija taħt regolamenti sagri.**(i)

Iż-żwieġ huwa rabta sagra bejn ir-raġel u l-mara. Għandu jservi ta' sors ta' paċi u wens għat-tnejn li huma. F'dan ir-rigward, il-Koran Imqaddes jgħid:

> **"U wieħed mis-sinjali Tiegħu hu dan, li Hu ħalaq nisa għalikom minn fostkom ħalli intom issibu s-serħan il-moħħ permezz tagħhom, u Huwa qiegħed l-imħabba u l-għożża bejnietkom. F'dan, tassew, hemm Sinjali għal poplu li jirrifletti."** (30:22)

Minħabba li ż-żwieġ huwa l-aktar ftehim importanti u sagru fil-ħajja umana, hemm ħtieġa kbira li wieħed ikun ġust, sinċier, veritier u den ta' fiduċja. Alla jistqarr fil-Koran Imqaddes:

> **"Intom li temmnu! Ibżgħu minn Alla u lissnu l-kelma eżatta u ġusta. Huwa jbierek ix-xogħlijiet tagħkom u jaħfrilkom dnubietkom. U dawk li jobdu lil Alla u 'l-Messaġġier Tiegħu, dawn żgur se jiksbu suċċess enormi."** (33:71-72)

---

(i) *Islamic Teachings on Ideal Family Life*, p. 14

# IS-SAWM: L-IPPURIFIKAR TAR-RUĦ

**Ir-Ramadan, xahar ta' eliminazzjoni tad-dnubiet**

> **"Intom li temmnu! Is-sawm huwa ordnat lilkom, bħalma kien ordnat għal dawk li ġew qabilkom, ħalli intom tkunu tistgħu ssiru twajba."** [2:184]



Ir-regolament tas-sawm, ikun kif ikun, jinsab fil-maġġoranza tar-reliġjonijiet f'xi sura jew oħra. L-ewwel devozzjonijiet u s-sawm ta' Buddha[as] (ara Lalitavista & Buddhacharita), is-sawm ta' Mosè[as], qabel irċieva l-Għaxar Kmandamenti (Exod. 34:28; Deut. 9:9), is-sawmiet ta' Ġesù[as] qabel ma rċieva s-sejħa divina tiegħu (Matt. 4:2), kollha jixhdu l-importanza ta' din l-istituzzjoni.

Fil-fatt, is-sawm huwa forma ta' devozzjoni u dixxiplina fuq il-persuna nfisha li jappella b'mod naturali lill-bniedem. 'Minn numru kbir ta' reliġjonijiet,' tgħid l-*Encyclopedia Britannica*, 'fil-kulturi kollha, kemm baxxi, tan-nofs u għoljin, is-sawm huwa ħafna drabi ordnat: u meta ma jkunx meħtieġ, huwa xorta waħda jiġi utilizzat sa ċertu punt minn individwi bħala rispons għas-sejħiet tan-natura.'

Dan il-vers, madanakollu, ma jfissirx li s-sawm ġie ordnat lill-Musulmani bl-istess mod li ġie ordnat lill-popli oħra ta' reliġjonijiet li ġew qabel. L-Iżlam ta laqta spiritwali kbira lil din l-istituzzjoni billi rabat magħha għadd ta' regolamenti u restrizzjonijiet bżonjużi ħafna.

# IL-ĠUSTIZZJA U T-TJUBIJA

Il-frażi ***'ħalli intom tkunu tistgħu ssiru twajba'*** turi l-filosofija profonda li tinsab fl-ordni li għandha x'taqsam mas-sawm. Hija karatteristika partikolari tal-Koran li, kull meta jħabbar kmand ġdid, dan ma jagħmlux b'mod despotiku, iżda jfisser l-utilità tiegħu ħalli d-destinatarju jkun konvint, u sodisfatt, mid-dehen li jkun fih. L-għan ta' *siyam* jew is-sawm huwa mniżżel f'dan il-vers bħala l-kisba ta' *taqwa*, jiġifieri tjubija.

Kif imfisser f'2:3, il-kelma *taqwa* jew *ittaqa* li minnha titnissel il-kelma *tattaqoon* użata f'dan il-vers, tfisser, li tipproteġi lilek innifsek (i) mit-tiġrib u s-sofferenzi, u (ii) mill-ħażen u d-dnub.

Għalhekk il-vers juri li l-għan ewlieni tas-sawm huwa biex wieħed jeħles mit-tiġrib u s-sofferenzi, u t-tieni, biex jeħles mill-ħażen u d-dnub.(i)

**(i)** Din hi silta meħuda mill-Kitbiet ta' Ħażrat Mirża Bashiruddin Maħmud Aħmad[ra] – it-Tieni Suċċessur tal-Messija Mwiegħed u Maħdi[as]. *Five Volume Commentary*, Vol 1, p.236-237

## TĦABBU M'ALLA

Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi[as] – il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, jikteb:

**"Kull għajn li mhix safja tinsab 'il bogħod Minnu [Alla]; kull qalb li mhix safja mhijiex konxja Tiegħu. Dak li jinħaraq minħabba Fih ikun meħlus min-nar; dak li jibki minħabba Fih se jitbissem; u dak li jinqata' f'biċċtejn mid-dinja minħabba Fih se jsibu. Tħabbu m'Alla b'qalb safja, b'sinċerità kbira u b'ħeġġa sħiħa, ħalli Huwa wkoll jitħabbeb magħkom. Uru ħniena ma' dawk ta' taħtkom, u man-nisa tagħkom u ma' ħutkom li huma inqas iffortunati minnkom ħalli intom ukoll juru ħniena magħkom fis-smewwiet. Siru tabilħaqq Tiegħu, ħalli Huwa wkoll isir tagħkom."** *(Kashti Nuh)*

# MANJIERI TAJBA TAL-IKEL U X-XORB

<u>*Salma S. Khan (Esperta tan-Nutrizzjoni)*</u>

L-Iżlam jagħti importanza lil ċerti manjieri tal-ikel u x-xorb li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa fiżika u spiritwali. Il-Messija Mwiegħed[as] stqarr: **"Għandu jiġi mifhum li, skont il-Koran Imqaddes, l-istat naturali tal-bniedem huwa relatat profondament mal-istati morali u spiritwali tiegħu."** Għaldaqstant dak li tiekol persuna jirrifletti l-qagħda spiritwali tagħha.

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem ikun fuqu, kien assolutament kontra n-nuqqas ta' sabar u l-għaġla mhix xierqa, partikularment waqt l-ikel u x-xorb. Barra li huma manjieri ħżiena, l-għaġla u n-nuqqas ta' sabar jagħmlu ħafna ħsara lis-sistema diġestiva. L-esperti llum jirrikonoxxu l-fatt li meta wieħed jiekol bil-mod u jomgħod sewwa l-ikel ikun qed jgħin biex ikollu sistema diġestiva b'saħħitha, kif ukoll biex in-nutrijenti jiġu assorbiti b'mod suffiċjenti. Meta wieħed jiekol bl-għaġla jżid ir-riskju ta' indiġestjoni, kostipazzjoni u problemi oħra diġestivi.

Barra minn hekk, meta wieħed jixrob l-ilma f'daqqa u malajr ikun qed juri sinjali ta' nuqqas ta' paċenzja u għaġla, li huwa detrimentali għas-saħħa. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] ipprojbixxa din id-drawwa ħażina b'mod vera doċli meta stqarr:

> **"Tixorbux l-ilma f'daqqa waħda. Ixorbu bil-mod f'żewġ jew tliet intervalli u għidu *Bismillah* (f'Isem Alla). Meta tibdew tixorbu għidu *Bismillah* u meta tqiegħdu r-reċipjent ma' ħalqkom għat-tieni darba, imbagħad għidu *Alħamdulilah* (Kull foħrija tmur lejn Alla)."**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**